MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2011

Numru 1032/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR HELGA DEBONO**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**VS**
**MARTIN CACHIA**
**GILMORE CACHIA**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra Martin Cachia ta' 43 sena iben Michael u Josephine nee' Aquilina, imwieled Pieta fid-29 ta' Marzu 1959, residenti fl-indirizz: 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef Harding, Pembroke, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 235859(M). Gilmore Cachia ta' 17-il sena, iben Martin u Therese nee' Carabott, imwieled Pieta' fit-3 ta' Novembru 1985, residenti fl-indirizz 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef Harding, Pembroke u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 38386(M);

Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta' Dicembru 2002 u fiz-zminijiet precedenti, fil-Belt, f'B'Kara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura, jew xjentement ghamlu uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghu tali merkanzija; jew xjentement qieghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema emxebbhin b'qerq u cioe ammont sostanzjali ta' Audio CD's, flokkijiet bil-marka Adidas, DVDs, VCDs, Playstation Games, Videos u audio tapes allegatament foloz kif ukoll hwejjeg ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irripproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor ipproducew jew ikkopjaw, jew bieghu jew qassmu jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassmu minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta' l-Avviz Legali 120 tal-1992;

**<u>Lil Gilmore Cachia wahdu:</u>**

1. a. Talli fil-15 ta' Dicembru 2002 ghal-habta tas-6:45 ta' filghodu fi Vjal ir-Re Dwardu VII saq vettura numru

KAV 119 minghajr licenzja mhux renovata ghas-sena korrenti;
1. b. Saq l-istess vettura, minghajr ma kienet koperta bil-polza ta' sigurta ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;
1. c. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kienx kopert bil-polza tas-sigurta ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni;
1. d. Ukoll talli ma obdiex l-ordnijiet leggitimi ta' l-awtorita' jew ta' min kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi kien ordnati li jaghmlu jew setghu jaghmlu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**<u>Lil Martin Cachia wahdu:</u>**

i. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, izda minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' PS 494 Gordon Borg, PC 561 David Portelli u PC 290 Jean Paul Formosa f'periklu car jew li jikkaguna hsara fil-gisem jew fil-mohh jew fis-sahha taghhom, wera dan il-hsieb b'atti esterni billi saq vettura KAV 119 b'manjiera perikoluza fid-direzzjoni taghhom, liema delitt ma giex ikkunsmat minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan bil-ksur tal-Artikoli 41, 214 u 218;
ii. Aktar talli ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz, kif ukoll ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta ohra li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. Akkuzat ukoll talli fil-15 ta' Dicembru 2002 ghal habta tas-07.00 ta' filghodu fi Vjal Re Dwardu VII il-Belt saq vettura numru KAV 119 b'manjiera perikoluza,

traskurata u bla kont bi ksur ta' l-Artikolu 15A (1) (a) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. Saq l-istess vettura minghajr licenzja mhux renovata ghas-sena korrenti;

v. Saq l-istess vettura, minghajr ma kienet koperta bil-polza ta' sigurta' ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni bi ksur ta' l-Artikolu 3 (1)(2) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta;

vi. U aktar talli saq l-istess vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f'dik il-lokalita';

vii. Ukoll talli ppermetta lil Gilmore Cachia isuq vettura KAV 119 meta ma kellux licenzja tas-sewqan bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1) (c) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta;

viii. Ukoll talli ma obdiex l-ordnijiet leggitimi ta' l-awtorita' jew ta' min kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-Ligi kien ordnati li jaghmlu jew setghu jaghmlu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ix. Iktar talli safa recediv ghat-termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundanat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati datati 21/10/96, 06/01/98, 31/07/98, 19/06/01 u 16/10/01.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikolu 15H tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe lil Martin Cachia u Gilmore Cachia jigu skwalifikati mil-licenzja taghhom tas-sewqan ghal-perjodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti u tirrevoka l-licenzja ta' *fixed hawker* mahruga f'isem Martin Cachia.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.208) fejn il-Qorti tista' ssib htija fl-imputati;

Rat il-Verbal datat 13 ta' Settembru 2005 (a fol.206);

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Helga Debono jirrizulta illi mill-15 ta' Dicembru 2002, fuq informazzjoni kunfidenzjali, l-Pulizija ghamlu tfittxija go *van Peugoet*, bin-numru tar-registrazzjoni KAV 119, ipparkjata hdejn il-*Phoenicia Hotel*, li allegatament kien jikkontjeni oggetti *non-complaint*. Spettur Debono xehedet illi kienet akkompanjatha f'din it-tfittxija minn PS 494, PC 290 u PC 561. Il-Pulizija baqghu jistennew sakemm sid il-*van* jigi ghaliha u fil-fatt, wara ftit zmien gie l-imputat Gilmore Cachia u nfurmawh li kellhom jaghmlu spezzjoni fuq il-*van.* L-imputat Cachia beda jgerger u jghajjar li ser imur ghal missieru: *"Ghaliex ma ghandux ghalfejn jibqa hemmhekk,"* u tfacca missier Gilmore Cachia u cioe Martin Cachia. Dan ukoll:

*"Beda jghajjat u qalli 'Hallini Spettur, xbajtu taqbdu mieghi? U minix ser nibqa' hawnhekk."* (ara fol.18)

Nelfrattemp PS 494, PC 290 u PC 561 kienu qeghdin fuq il-parti ta' wara tal-*van*, ser jibdghu iwettqu t-tfittxija taghhom, flimkien ma' Gilmore Cachia. F'hin minnhom Martin Cachia ghadda minn bejn il-Pulizija, dahal fid-*driver seat* tal-*van*, startja l-*van* u ghalaq il-bieba tad-*driver.* Spettur Debono xehedet illi hija widdbet lil Martin Cachia biex; "Ma jaghmilx kummidji" (a fol.19) u li huma kienu qeghdin jaghmlu x-xoghol taghhom biex jivverifikaw l-affarijiet. Spettur Helga Debono xehedet illi Martin Cachia ma obdiex l-ordnijiet taghha, irriversja ghal fuq il-Pulizija u telaq bil-*van*, isuq b'mod perikoluz, ghadda kontra l-*one way*. Gilmore Cachia lanqas ma obda l-ordni tal-Pulizija u qal illi ried lil missieru mieghu izda l-Ufficjal Prosekutur irnexxielha tarresta lil Gilmore.

Spettur Helga Debono infurmat b'dak li gara fil-*control room* u ghal habta tat-8:30 il-Pulizija rceviet informazzjoni illi Martin Cachia rega' mar fl-*istall* tieghu fis-suq tal-Belt u ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur regghet marret hemmhekk fejn l-imputat Martin Cachia rega beda jghajjat: *"Dejjaqtuni ilkom taqbdu mieghi"*. Illi fil-fatt hafna nies tal-monti daru mieghu u bdew jillatikaw kontra l-Pulizija u l-Ispettur Debono lahqet ghamlet inspezzjoni tal-van li kien qieghed vicin l-*istall* li kien zvujtat kollu hlief ghal zewg kaxxi zghar, li kienu jikkontjenu tmienja u sittin (68)-il CD li gew elevati mill-Ispettur flimkien ma' mazz cwievet. Spettur Debono marret lura d-Depot ghall-assistenza, u permezz ta' din l-istess assistenza, gie arrestat Martin Cachia. Sussegwentement saret tfittxija fid-dar residenzjali ta' Martin Cachia li rrizulta fin-negattiv. It-tfittxija fir-residenza kienet negattiva. L-Ufficjal Prosekutur xehedet li l-Pulizija kellha informazzjoni kunfidenzjali li Martin Cachia kien mar ibattal il-kontenut tal-*van* tieghu f'garaxx fi Triq Dun Karm Galea f'Birkirkara u ghaldaqstant il-Pulizija wettqet *search* f'dan il-garaxx u nfethet Inkjesta Magisterjali li meta l-Pulzija accedew fil-*garage*, Martin Cachia ghazel illi ma jirrispondi ghal ebda domanda li saritlu. Il-*garage* in kwistjoni kien imsakkar b'serratura flimkien ma' *padlock*. Dan il-*padlock* infetah permezz ta' wahda mic-cwievet li kienu fil-mazz cwievet li kineu gew misjuba u elevati mill-*van* ta' Martin Cachia. Il-Pulizija, pero', ma setghux jifthu s-serratura tal-bieb u fuq ordni tal-Magistrat inkwirenti, dan il-*garage* gie zgassat. Dan il-*garage* kien jikkontjeni diversi kaxex ta' xoghol illi kienu kontrafatti; b'kollox tletin elef tmien mija tmienja u ghoxrin (30,828)-il oggett, inkluzi CDs, hwejjeg tad-ditta u *PlayStations*:

*"Fil-garaxx ukoll sibna diversi kaxex li kellhom fuqom l-isem 'M.Cachia sold'"* (ara xhieda a fol.23)

L-imputati, fl-istqarrija taghhom ghazlu li ma jwiegbu ghal ebda domanda li saritilhom. L-istqarrija ta' Gilmore Cachia giet ezebita u mmarkata bhala Dok.HD1 waqt li dik ta' Martin Cachia giet ezebita u mmarkata bhala Dok.HD2. Il-kwerela ta' Dr. Patrick Galea giet ezebita bhala Dok.HD3

u Dok.HD5 u l-*Power of Attorney* giet ezebita bhala Dok.HD4

PS494 Gordon Borg ikkonferma illi huwa nghata struzzjonijiet mill-Ispettur Helga Debono biex jaghmel osservazzjonijiet fuq *van* bin-numru tar-registrazzjoni KAV119 ipparkjata hdejn il-*Phoenicia Hotel*, fejn allegatament kienet tikkontjeni CDs *non-compliant.* PS494 ikkonferma li l-imputat Gilmore Cachia avvicina din il-*van* u ftit wara wasal missieru Martin Cachia li beda jghajjat li l-Pulizija kellhom ihalluhom ma jaqbdux aktar maghhom. L-imputat Martin Cachia gie infurmat illi l-Pulizija kienu ser iwettqu tfittxija fuq din il-vettura, izda l-imputat Martin Cachia dahal fil-karozza, irriversja fuq il-Pulizija, mar kontra l-*one-way* u baqa sejjer fid-direzzjoni tal-Furjana. Huwa xehed li Martin Cachia saq b'mod *reckless*: *"Tant huwa hekk li kien ser jibqa' diehel go taxi."* (ara fol.45). PS494 Borg ikkonferma illi huma kienu arrestaw lil Gilmore Cachia u li kellhom informazzjoni li fit-8:30, Martin Cachia kien rega qieghed fuq il-monti. Illi l-Pulizija ezegwixxu tfittxija fuq il-*van* u fuq l-*istalls* ta' l-imputat u li gew elevati xi CDs. Ikkonferma illi aktar tard kienu akkompanjaw lil Martin Cachia go garaxx fi Triq Dun Karm Galea f'Birkirkara, minn fejn gew elevati ammont sostanzjali ta' CDs. Ikkonferma illi cavetta fost mazz cwievet misjuba fil-*van* ta' Martin Cachia fethet katnazz tal-garaxx fuq indikat.

PC290 Jean Paul Farrugia, ikkonferma x-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta' PS494 Borg u kkonferma l-prezenza tieghu waqt l-istqarrija ta' l-imputati Cachia (cioe Dok.HD1 u Dok.HD2).

Spettur Helga Debono (a fol.55) ezebiet formalment it-tletin elf tmien mija tmienja u ghoxrin (30,828), kwantita' ta' DVDs, CDs u hwejjeg illi dwarhom l-Ispettur semmiet fix-xhieda principali.

Dr. Patrick Galea kkonferma l-kwereli (a fol.62) ezebiti a fol.37 u fol.41.

PC561 David Portelli (a fol.66 et seq.) ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta’ PS 494 Borg. Ikkonferma tletin elf tmien mija tmienja u ghoxrin (30,828)-il oggett allegatament kontraffati, misjuba u elevati mill-Pulizija. Ikkonferma illi Martin Cachia ma kienx obda l-ordnijiet ta’ l-Ispettur Helga Debono u li Martin Cachia kien dahal fil-*van*, irriversja fuq il-Pulizija u telaq ‘l hemm.

Espert Martin Bajada xehed (a fol.73) illi kellu bzonn aktar zmien biex jezamina kwazi wiehed u tletin elf-il oggett.

Jose’ Abela xehed (a fol.74) li *van* bin-numru tar-registrazzjoni KAB 119 tghajjat lil Urpani.

Brian Farrugia (a fol.80) xehed illi Gilmore Cachia ma kellu ebda licenzja tas-sewqan.

Gew ezebiti erba’ (4) sentenzi (a fol.83 sa fol.96) fil-konfront ta’ Martin Cachia.

Rat il-verbal tad-Difiza (a fol.79) fejn id-Difiza ezentat lil Prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhieda ta’ l-identita’ dwar l-istess sentenzi ezebiti.

Espert Martin Bajada (a fol.108) ezebixxa Dok.MB, relazzjoni tieghu u kkonferma (a fol.114) illi mill-analizi li wettaq l-oggetti misjuba fil-*garage* kienu kollha *non-compliant.*

Anthony Portelli (a fol.122) xehed illi kellu garaxx (ara kuntratt Dok.AP a fol.138) u kien krih lil terza persuna permezz ta’ terz u cioe Peter Falzon. Anthony Portelli xehed li huwa ma kienx jaf l-inkwilin ta’ dan il-garaxx stante’ li dan in-negozju kien sar minn Peter Falzon.

Noel Carabott (a fol.125) ghazel li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax lilu nnifsu.

PC 727 ezebixxa kopja tal-*bail book* datat 27 ta’ Novembru 2003;

PS 659 Jeffrey Hughes ezebixxa hamsa u tmenin (85)-il ritratt ta' oggetti misjuba f'garage "Tuta" Triq M. Galea B'Kara mmarkati Dok.JH1 – JH85.

Perit Richard Aquilina (fol.153) ikkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol.9) tal-process verbal.

Edgar Urpani (a fol.170 et seq.) ikkonferma li l-karozza (Dok.119) kienet proprieta' tieghu u li din bieghha lil Martin Cachia fl-2002, gharaf lill-imputat Martin Cachia.

Martin Bajada (a fol.188 et seq.) ezebixxa r-relazzjoni tieghu u kif ezebixxa (a fol.194), l-espert Martin Bajada kkonkluda illi mill-*Optical Diskette*, DVD, CDs, *games* kif ukoll mill-*audio tape* analizzati kienu ***non-compliant***.

PS 561 David Portelli, in kontro ezami, kkonferma illi kienu gew ordnati illi josservaw il-*van* indikat u li mit-twieqi ta' wara seta jara illi kien hemm xi kaxex fil-*van*. Mistoqsi, PS 561 kkonferma illi l-vista tas-sewwieq seta kien ostakolat mill-kaxex li kien jikkontieni. Xehed ukoll li Martin Cachia ma ta cans lil hadd, hataf ic-cwievet, dahal fil-*van* u saq. PS 561 xehed li Martin Cachia kien jaf illi kien hemm il-Pulizija wara l-*van* meta saq (fol.226). PS 561 xehed li hu ma ta ebda ordnijiet lil Martin Cachia. PS 561 kkonferma li meta saq, Martin Cachia saq bis-sahha.

PS 290 Formosa kkonferma li Gilmore Cachia kien avvicina l-*van* li l-Pulizija kienu qed josservaw. Il-Pulizija ddentifikaw irwiehom u informawh li riedu jaghmlu *search;* li dan Gilmore Cachia ma obdiex il-Pulizija u beda jghajjat lil missieru u telaq minn fuq il-post. A fol.244, PS 290 xehed li meta regghu marru ghal Martin Cacha, sabuh armat fuq il-monti. A fol. 246, PS 290 Formosa xehed illi Martin Cachia dejjem jarma fl-istess post fil-monti ta' St. James Ditch u meta l-Pulizija avvicinaw dan l-istall, Martin Cachia mar fuqhom.

PS 494 Gordon Borg xehed illi l-imputat Martin Cachia rriversja, qabad u saq kontra l-'*one way*' tant illi kien ser jahbat go *taxi* (a fol.264). Ikkonferma t-tfittxija fuq *van* bin-numru ta' registrazzjoni KAV 119 u l-elevar ta' CDs,

tfittxija fl-*istores* u go garaxx, Triq il-Gala, Birkirkara. PS 494 Borg xehed illi waqt l-osservazzjonijiet li kienu qeghdin jaghmlu l-Pulizija fuq dan il-*van*, huwa ra guvni iehor, cioe Wayne Catania, li resaq lejn il-*van* qabel ma wasal Gilmore Cachia. Mill-ispezzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li dan Catania, tifel taht l-eta', kien qieghed jghin lill-imputati u dan bil-kunsens ta' ommu. PS Borg xehed illi meta avvicina l-*van* Gilmore Cachia, il-Pulizija kienet ghadha ma vverifikatx jekk hu u missieru kienu gia' armati fuq il-monti. Kien biss sussegwenti ghat-tfittxijiet li sabu lil Martin Cachia armat il-monti. PS Borg ikkonferma li kienu nstabu xi CDs fil-vettura, ma kienu sabu xejn fit-tilar ta' fuq il-monti, pero' sabu eluf ta' CDs fil-garaxx ta' Birkirkara.

Gilmore Cachia ghazel li ma jixhidx.

Martin Cachia (a fol.283) xehed li dakinhar ta' l-incident, hu u ibnu kienu armaw il-monti tal-Belt (St. James Ditch) u Gilmore mar lura lejn il-*van* u sab il-Pulizija u Gilmore ghajjatlu. L-imputat Martin Cachia mar u beda jkellem ma' l-Ispettur li nfurmatu li kienet ser tiehu l-*van* id-Depot. L-imputat xehed illi staqsiha kienx hemm inkjesta u qalilha li hu kien ser jiehu l-*van* u jekk riedet taghmel tfittxija setghet taghmilha fuq il-monti. Huwa stqarr illi kellu wahda mill-mirja miksura u peress illi l-*van* kien mghabbi ma tantx seta jara. L-imputat Cachia xehed li meta saq, huwa kellu lill-Ispettur Debono hdejn it-tieqa tad-*driver*. Huwa kkonferma t-tfittxijiet li wettqu l-Pulizija u qal li l-garaxx f'Birkirkara ma kienx tieghu. A fol.289, l-imputat jinnega li huwa saq ghal fuq il-Pulizija. A fol.290, l-imputat xehed li ghalkemm Spettur Debono tatu ordni biex imur d-Depot, hu ma marx ghaliex ma kinitx nfethet inkjesta.

Ikkonsidrat:

Fil-kaz in ezami, il-maggior parti kwantita' kbira ta' DVDs, CDs u *Playstations non-compliant* li nqabdu mill-prosekuzzjoni fil-garaxx ta' Birkirkara, ma jistghu, bl-ebda mod, jigu assocjati ma' l-imputat. Dana qieghed jinghad il-ghaliex il-proprjetarju tal-garaxx ma kienx l-imputat; sid il-garaxx ma kienx involut fin-negozju tal-kirja allegatament

involuta; il-prosekuzzjoni naqset li tiproduci bhala xhud lil Patrick Falzon li allegatament kien responsabbli ghal allegat kirja bejn l-imputat u sid il-garaxx. Ic-cavetta, li nstabet mal-mazz cwievet ta’ l-imputat Martin Cachia, li kienet taqbel mal-katnazz ta’ dan il-garaxx m’hijiex prova sufficenti biex tigi ankrata htija il-ghaliex din il-Qorti ma kellha ebda prova ta’ kemm kien komuni f’Malta dan it-tip ta’ katnazz u din it-tip ta’ cavetta.

Illi, di piu’, mill-kumpless tax-xhieda jirrizulta illi Dr.Patrick Galea semplicement ikkonferma zewg kwereli illi huwa kien ezebixxa u l-kwereli huma dawk illi jinstabu a fol.37 sa fol.41 (ara Dok.HD3 u Dok.HD4). Dr. Patrick Galea ma ezebixxa ebda *Power of Attorney* illi juri li huwa ghandu dritt jidher ghan-nom ta’ terzi. Illi, di piu’, din il-Qorti ma ghandha ebda prova dwar liema DVD minn dawk illi gew dikjarati *non-compliant* mill-espert Martin Bajada, jaspetta lil liema kumpanija estera.

In fatti, kif sew gie ritenut mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza **Pulizija vs. Eugenio Frantz** deciza fl-24 ta’ April 2002 jiprovdi:

*“F’dan il-kaz kien hemm mod semplici hafna kif setghet issir tali prova, u cioe’ billi l-avukat Galea bhala prokuratur specjali tal-kumpaniji esteri tal-films, jiddikjara bil-gurament,* ***b’referenza ghal kull wiehed mill-films maqbuda, min kien jew kienu l-‘copyright owners’. Tali prova kienet tkun prima facie ta’ min ghandu d-drittijiet ta’ l-awtur fir-rigward tal-film li jkun; u kien imbaghad jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta’ probbabilita’, li ma kienx minnu li l-kumpanija li kien qed jirraprezenta l-prokuratur specjali, kellha dik il-copyright.***”

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tista’ ssib ebda htija **fl-imputati Cachia** ai termini ta’ l-Artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-fehema ta’ din il-Qorti, l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) jirreferu ghal-vjolazzjonijiet kontra *trademarks* jew *industrial design,* li certament ma huwiex il-kaz in ezami, apparti l-fatt illi l-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova fuq xi tixbieh ta’ *designs* jew *trademarks*.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma tista’ ssib htija fl-ewwel (1) akkuza stante l-kaz in ezami jitratta fuq ksur ta’ *copyright* u mhux fuq ksur ta’ *trademarks* ai termini ta’ l-Artikolu 298(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide **Pulizija vs. Martin Cachia** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-3 ta’ April, 2008).

Ghal rigward tat-tielet (3) akkuza, illi hija kontravvenzjonali, u cioe dawk kontemplati taht l-Avviz Legali 120 tan-1992, lanqas hawn ma tista’ tinstab il-htija, stante li bhalma gia’ gie ppronunzjat minn din l-istess Qorti ghal rigward tat-tieni (2) akkuza, Dr. Patrick Galea naqas illi jaghmel prova ta’ liema kumpanija estera kienet il-proprjetarja tal-*copyright* ta’ liema *film*.

Ghal rigward ta’ l-akkuzi migjuba kontra Gilmore Cachia wahdu, l-akkuzi 1. a., 1. b. u 1. c. ma jissussistux u ma humiex ipprovati skond il-Ligi. Dan qieghed jinghad il-ghaliex, minkejja illi l-prosekuzzjoni pprovat illi Gilmore Cachia dahal fil-*van* ta’ missieru (Martin Cachia), dahhal ic-cavetta fl-*ignition* u startja l-karozza, ma hemm ebda prova illi din il-vettura ccaqalqet minn posta jew giet misjuqa effettivament.

L-imputat Gilmore Cachia gie akkuzat bl-akkuza 1. d. u cioe li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Din il-Qorti hija tal-fehema li dan gie sodisfacentement ipprovat mix-xhieda ta’ l-Ispettur Helga Debono u l-Pulizija illi kellha maghha, li kollha xehedu li Gilmore Cachia gie ordnat jibqa’ fejn hu sabiex issir *search* fuq il-*van* u dan sfida lil Pulizija, telaq minn fuq il-post u mar jghajjat lil missieru.

Martin Cachia jinstab akkuzat wahdu bl-akkuza I. u cioe b’attentat ta’ ferita gravi fuq tlett (3) pulizija, billi saq

vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAV 119 b’manjiera perikoluza fid-direzzjoni taghhom. Sabiex tali akkuza tirnexxi, l-prosekuzzjoni kellha tiprova intenzjoni specifika, da parti ta’ Martin Cachia, li jwettaq ferita gravi fuq il-Membri tal-Korp tal-Pulizija prezenti.

Skond il- gurisprudenza nostrali sabiex tisussisti attentat ta’ ferita gravi, l- prosekuzjoni trid tipprova l- intenzjoni specifika li tikkaguna offiza ta’ natura gravi u mhux bizzejjed intenzjoni generika li wiehed iwegga lil dak li jkun. **(Ara Pulizija Vs Alfio Attard APP KRIM deciza 31 ta’ Lulju, 2008 per MH Joseph Galea Debono u Pulizija Vs Francis Cuschieri deciza 15 ta’ Jannar, 2009 APP KRIM per MH Joseph Galea Debono a fol 11).**

Infatti l- Qorti ta’ l- Appell Kriminali irriteniet is- segwenti :

**“kienet korreta l- ewwel Qorti meta qalet li biex jissustixxi r- reat ta’ tentattiv ta’ offizi gravi jehtieg li tirrizulta intenzjoni specifika li tigi ikkagunata tali offiza gravi u mhux biss intenzjoni generika li twegga lil dak li jkun, pero tali intenzjoni specifika tista tigi dezunta mic- cirkostanzi bhal ma huma x- xorta ta’ l- arma li tkun intuzat.”**

**Ara Pulizija (Spettur Carlo Ellul) Vs Saviour Xerri deciza 24 ta Frar, 2010 APP KRIM per MH Galea Debono a fol 6.**

Fil-kaz in ezami, apparti li jirrizulta illi dan il-*van* bin-numru ta’ registrazzjoni KAV 119 kien mimli kaxex tal-kartun tant illi l-vizjoni mir-*rear windows* kienet ostakolata, il-provi juru li Martin Cachia dahal fil-*van* u harab bih minn fuq il-post u dik kienet l-unika intenzjoni tieghu u certament ma jirrizultax illi l-prosekuzzjoni pprovat illi l-imputat kellu xi intenzjoni, anqas wahda generika, illi jwegga lil Pulizija. Fil-fatt, kif gie ritenut fil-kawza **Pulizija vs. Victor Buttigieg,** deciza mill-Appell Kriminali fid-19 ta’ Mejju

2005, fejn il-fatti kienu pjuttost simili ghal dawk odjerni, fissens li l-imputat kien qieghed jahrab mill-Pulizija, il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali deherilha li dan l-istat ta’ fatt kien jikkreja dubju ragonevoli li ghandu jmur favur l-imputat.

Ghal rigward ta’ l-akkuza II kontra Martin Cachia, l-prosekuzzjoni naqset illi tiprova li l-imputat ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq xi membru tal-Pulizija.

Ghal rigward ta’ l-akkuzi III, IV, V u VI, din il-Qorti taghraf li din il-prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha u x-xhieda tal-Membri tal-Korp tal-Pulziija taw rakkont dettaljat fuq il-manjiera ta’ kif l-imputat, Martin Cachia, irriversja u saq minn fuq il-post b’manjiera perikoluza u kontra l-‘*one way’ sign*.

Ghal rigward ta’ l-akkuza VII, il-Qorti taghraf illi fin-nuqqas ta’ sejbien ta’ htija ta’ l-akkuza 1. a. kontra Gilmore Cachia, l-akkuza VII ma treggix kontra Martin Cachia.

Ghal rigward ta’ l-akkuza VIII, u cioe illi l-imputat Martin Cachia naqas illi jobdi l-ordnijiet leggittimi tal-Pulizija, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-prosekuzzjoni pprovat din l-akkuza, liema akkuza in fatti giet ammessa mill-imputat stess fix-xhieda u quddiem din il-Qorti, bi pretiza illi ma kellux ghalfejn jordni l-ordnijiet leggittimi tal-Pulizija, il-ghaliex, skond hu, ma kinitx infethet inkjesta.

Ghal rigward ta’ l-akkuza IX, il-Qorti rat erba’ sentenzi ezebiti mill-prosekuzzjoni u l-verbal tad-Difiza li ezentat il-prosekuzzjoni mill-produzzjoni tax-xhieda ta’ l-identita’ u ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li anka din l-akkuza tissussisti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati **Martin Cachia** u **Gilmore Cachia** mhux hatja ta’ l-akkuzi a., b, c, li minnhom tilliberahom**;** issib lill-imputat **Gilmore Cachia** mhux hati ta’ l-akkuzi 1. a., 1. b., u 1. c., li minnhom tilliberah u ssibu hati ta’ l-akkuzi 1. d.; issib lill-imputat **Martin Cachia** mhux hati ta’ l-akkuzi I, II u VII li minnhom tilliberah, izda hati ta’ akkuzi III, IV, V, VI, VIII u IX u wara li rat l-Artikolu 95, 338(ee), 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’

Malta, Artikolu 15(1)(a)(b) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, **tillibera lill-imputat Gilmore Cachia bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur u tikkundanna lill-imputat Martin Cachia ihallas multa ta' €582.34, waqt li tiskwalifikah mil-licenza tas-sewqan ghal perijodu ta' sentejn u tilliberah bil-kundizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------